# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

*Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Hubert Cini)**

**vs**

**Dylan Degiorgio**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Dylan Degiorgio** ID 151893M u li permezz tagħhom ġie imħarrek talli nhar it-18 t'Awissu 2014 għall-ħabta tat-19:45 fir-residenza 417, Fgura Arcades, Flat 6, Triq Ħaż-Żabbar, il-Fgura :

(a) ħebb għal persuna ta' Owen Degiorgio u kkawżalu offiża ta' natura ħafifa kif ċertifikat mit-Tabib Diane Balzan reg. No. 2111 taċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Paola;

(b) ħebb għall-persuna ta' Mario Degiorgio Jr. Sabiex jinġurjah, idejqu jew jagħmillu ħsara lilu jew lil ħaddieħor.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet miġjuba kontrih matul is-seduta tas-6 t'Ottubru 2015. Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward tal-konsegwenzi li jitnisslu minn din id-dikjarazzjoni ta' ħtija, inkluż li jista' jingħata piena ta' priġunerija fil-każ li huwa jtenni l-ammissjoni u wara li tatu żmien qasir sabiex jekk irid setgħa jerġa lura mill-ammissjoni tiegħu, l-imputat wieġeb li huwa kien inkondizzjonatament ħati.

Fid-dawl ta' din l-istqarrija ta' ħtija imtennija, din il-Qorti m'għandhiex alternattiva għajr li ssib lil Dylan Degiorgio ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

# DECIDE

Li wara li rat l-Artikoli 221(1) u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali issib lil Dylan Degiorgio ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih. Peress li fiċ-ċirkostanzi tal-każ tqis li mhux spedjenti li twaħħal piena iżda li jeżistu ċ-ċirkostanzi imsemmija mill-Artikolu 7(1)(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta minflok il-piena qegħda tagħmel ordni ta' probation skont it-

termini imsemmija fid-digriet anness ma din is-sentenza u dan għal perjodu ta' tliet snin u dan wara li l-istess Qorti spjegat lill-ħati bi kliem sempliċi u li jinftiehem l-effett ta' din l-ordni ta' probation kif ukoll ir-responsabilta tiegħu fil-każ li huwa jonqos milli jottempera ruħu mal-kondizzjonijiet imsemmija fl-istess digriet.

Inoltre stante li jissussistu l-elementi meħtieġa għaliex din il-Qorti toħroġ ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, bl-aċċettazzjoni tal-ħati, il-Qorti qegħda tagħmel ordni ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali skont id-digriet anness ma' din is-sentenza u li minnha jifforma parti integrali u dan għal perjodu ta' tliet snin dan wara li l-istess Qorti spjegat lill-ħati bi kliem sempliċi u li jinftiehem l-effett ta' din l-ordni ta' trattament kif ukoll ir-responsabilta tiegħu fil-każ li huwa jonqos milli jottempera ruħu mal-kondizzjonijiet imsemmija fl-istess digriet.

Inoltre stante li jissussistu l-elementi meħtieġa għaliex din il-Qorti toħroġ ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' Owen Degiorgio ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qegħda tagħmel ordni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali skont id-digriet anness ma' din is-sentenza u li minnha jifforma parti integrali u dan għal perjodu ta' tliet snin dan wara li l-istess Qorti spjegat lill-ħati bi kliem sempliċi u li jinftiehem l-effett ta' din l-ordni ta' protezzjoni kif ukoll ir-

responsabilta tiegħu fil-każ li huwa jonqos milli jottempera ruħu mal-kondizzjonijiet imsemmija fl-istess digriet.

***Mogħtija illum is-6 t'Ottubru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***